







# Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
# Rapport Annwali 2013

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Rapport Annwali 2013

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

ISBN: 978-99957-831-4-3

Stampat: Union Print Co. Ltd

# Werrej:

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb - 03
Messaġġ miċ-Ċermen Eżekuttiv - 05
Finanzi - 07
ISBN - 10
Festival Nazzjonali tal-Ktieb - 13
Premju Nazzjonali tal-Ktieb - 15
Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ - 19
Il-Proġett tal-Qari Qabel Ħin l-Irqad - 20
Kooperazzjoni m'Entitajiet Oħra - 20
Appendiċi (Lista tal-Kotba) - 21



# IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK), li twaqqaf b'avviż legali fis-sena 2001, għandu bħala l-għan elwieni tiegħu, il-promozzjoni ta' kotba mill-kategoriji kollha u t-tħeġġiġ għall-qari fost il-Maltin ta' kull età jew ta' strati soċjali differenti, u dan kollu possibbli permezz ta' trasmissjonijiet informattivi disponibbli. Il-KNK huwa wkoll l-awtorità uffiċjali tal-iStandard Internazzjonali tan-Numru tal-Ktieb (ISBN) f'Malta u għandu l-mandat biex jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u inizjattivi oħra bħall-Konkors ta' Kitba – Letteraratura għaż-Żagħażagħ.




Għall-intenzjonijiet u l-għanijiet kollha, il-KNK huwa l-istituzzjoni pubblika li hija nvoluta fl-inizjattivi kollha tal-Istat relatati mal-kotba, ħlief għas-servizzi tal-librerija għax dawn jiġu pprovduti minn entità oħra msejħa Malta Libraries (l-Libreriji ta' Malta). Madanakollu, Malta Libraries u l-KNK huma marbuta mill-qrib tant li jikkooperaw flimkien fuq bażi regolari f'inizjattivi differenti u min-natura tagħhom, it-tnejn għandhom appoġġ reċiproku. L-uffiċini attwali tal-KNK, bħalissa, jinsabu fil-Librerija Ċentrali tal-Furjana, li titmexxa mill-entità Malta Libraries.

Il-KNK għandu pjanijiet ambizzjużi għas-snin li ġejjin. Bħala pajjiż żgħir, Malta għandha suq limitat għall-ktieb u l-livelli ta'qari mill-pubbliku Malti, huma sfortunatament pjuttost baxxi meta mqabbla ma' dawk ta' pajjiżi oħra fl-UE. Fil-fatt, l-isfida ewlenija li qiegħed jaffaċċja bħalissa l-KNK fuq livell nazzjonali, hija li jindirizza sewwa dawn il-kwistjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-KNK qiegħed jilgħab ukoll irwol importanti billi jassisti l-ħiliet attwali tal-Gvern fl-isforzi tiegħu biex jagħti spinta lil-litteriżmu u jgħolli l-livelli ta' qari, speċjalment fost l-istudenti Maltin ta' kull età.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa magħmul minn:




## Ċermen Eżekuttiv:
Camilleri Mark

## Viċi-Ċermen:
Calleja Charles

## Segretarju:
Debattista Joe

## Membri:
Azzopardi Clare
Borg Steve
Flores Charles
Grech Sergio
Mahoney Charles
Sammut Saviour
Sciberras Joanne
Vella Borda Christine
Zahra Trevor

# MESSAĠĠ MIĊ-ĊERMEN EŻEKUTTIV



Sa mill-bidu tiegħu fl-2001, dan huwa l-ewwel darba, li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qiegħed jippubblika Rapport Annwali sabiex jikkomunika mal-pubbliku ġenerali u jippreżenta uffiċjalment xogħlu, il-kontijiet finanzjarji u l-inizjattivi eċċitanti matul is-sena li għaddiet.

Dan ir-rapport qiegħed jiġi ppubblikat f'perjodu li fih il-KNK qiegħed jiġġedded. Qegħdin jinbnew amminastrazzjoni professjonali u strutturi finanzjarji għall-ewwel darba. Qiegħda titwaqqaf sistema ta' kontabbilità u l-istaff qiegħed jinżdied gradwalment. F'Lulju li għadda, segretarju uffiċjali fuq il-pagi tal-Gvern ġie maħtur lill-Kunsill u waqt li dan ir-rapport qiegħed jiġi stampat, qiegħed jintlaqat il-proċess tal-involviment għal membru ġdid. L-amministrazzjoni Governattiva attwali qiegħda tpoġġi l-Edukazzjoni u l-Kultura fuq quddiem tal-aġenda tagħha u billi l-KNK qiegħed jipproġetta ruħu sabiex jilgħab irwol importanti f'dawn is-setturi, it-tiġdid tal-KNK jimmira biex iqiegħed din l-istituzzjoni f'pożizzjoni li tikkontribwixxi għas-setturi edukattivi u kulturali ta' pajjiżna.

Sadanittant, il-KNK ħadem ukoll biex jikkonsolida l-inizjattivi li kienu taħt il-kompetenza ta' din l-istituzzjoni sa mill-2001. Dawn prinċipalment huma l-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb li, sa mis-sena l-oħra, irriformat ruħha għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ. F'inqas minn sena, il-Kunsill attwali għamel passi kbar bir-riformazzjoni radikali ta' dawn l-inizjattivi.

L-ikbar sfidi li affaċċjaw il-Kunsill sa issa kienu l-finanzi. Il-KNK kien u għadu, wieħed mill-iżjed istituzzjonijiet pubbliċi nieqes mill-fondi. Issa, li l-finanzi tal-Kunsill qegħdin jiġu stabbiliti mill-ġdid fuq bażi soda, b'riżultat ta' inizjattivi b'benefiċċji finanzjari, il-Kunsill jista' jiddedika iżjed ħin u jikkonċentra l-enerġija tiegħu fuq it-tisħiħ tal-irwoli edukattivi, artistiċi u kulturali tiegħu.

Il-KNK għandu pjanijiet ambizzjużi għas-snin li ġejjin. Aħna, tal-Kunsill, nixtieqU li naħdmu f'istituzzjoni li għandha l-fondi neċċessarji biex timplimenta proġetti fuq il-qari u l-kotba fuq skala kbira. Nixtiequ naraw Kunsill li hu kapaċi jiġġenera fost in-nies interess fil-qari kemm ta' kotba lokali u kemm ta' kotba barranin – u dan permezz ta' inizjattivi kulturali u edukattivi bħall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Huwa d-dmir tal-Istat li jiżgura li l-istituzzjonijiet edukattivi u kulturali jiġu mogħnija sew b'fondi, għax wara kollox, l-iżvilupp ta' pajjiż ma jitkejjilx mill-indikaturi ekonommiċi biss iżda anki bl-iżviluppi edukattivi u kulturali. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jipperswadi dejjem lill-Istat għall-fondi biex ikun jista' jtejjeb l-inizjattivi tiegħu, iżda aħna nifhmu wkoll li l-użu ta' kapital

minn entitajiet privati, limitat kemm hu limitat, kapaċi jagħmel differenza kbira għall-attivitajiet tagħna. Il-Gvern attwali diġà żdied b'mod konsiderevoli l-allokazzjoni tal-baġit għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u hekk kif aħna qegħdin inbassru żieda fl-allokazzjoni tal-finanzi pubbliċi u qegħdin nimmiraw għal kapital privat ġdid, qegħdin ukoll infasslu attivitajiet ġodda u iżjed kreattivi, mingħajr ma nipperikolaw l-istrutturi operattivi tagħna. Barra minn hekk, bħala parti mill-pjan kulturali tagħna, nixtiequ naraw lill-uffiċċju tal- Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jitmexxa għaċ-ċentru tal-Belt Valletta. Madanakollu, dan il-proġett maħsub hu marbut ukoll mad-deċiżjoni tal-Gvern biex ifittex spazju alternattiv u forsi, aħjar mil-Librerija Ċentrali, fejn huma allokati l-uffiċini tal-KNK bħalissa. Minkejja li aħna nifhmu l-limitazzjonijiet konsiderevoli li  l-Gvern qiegħed jaffaċċja fir-rigward tal-ispazju għall-uffiċini, xorta waħda għadna nittamaw għal ambjent iktar adegwat.

Mill-inizjattivi kollha, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jingħata l-ogħla prijorità , billi huwa l-iżjed avveniment importanti dwar il-ktieb fil-kalendarju Malti. Minħabba l-fatt li dan l-avveniment jittella' kull sena fil-Belt Valletta, jitqies bħala komponent importanti fl-inizjattiva tal-UE u tal-Gvern Malti biex il-Belt Valletta tingħata t-titlu ta' Kapitali Ewropea Tal-Kultura fl-2018. Għalhekk, aħna fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandna r-responsabbilità biex niżguraw li dan l-avveniment jikber f'wieħed iżjed rispettabbli għall-mod edukattiv u kulturali tiegħu fis-snin li ġejjin.

B'mod ġenerali, il-viżjoni tagħna hija li noħorġu istituzzjoni effettiva u rispettabbli mill-KNK u biex inwassluha bħala protagonista fis-setturi edukattivi u kulturali tas-soċjetà. Aħna fil-KNK konxji sew tal-isfidi l-kbar li qegħdin naffaċċjaw. Ir-riżultati tal-istħarriġ Ewrobarometru ppubblikati f'Novembru li għadda juru li l-Maltin li ħadu sehem, spiċċaw fit-tielet post mill-aħħar fil-"parteċipazzjoni attiva" t'avvenimenti kulturali. Madanakollu, riżultat baxx bħal dan m'għandux jaqtgħalna qalbna, iżda għandu tabilħaqq iħeġġiġna biex inżidu l-isforzi u r-riżorsi tagħna b'mod sostanzjali.

F'dan ir-rigward, il-KNK għaddej b'enerġija qawwija biex itejjeb il-kwalità tal-inizjattivi tiegħu u biex iżid oħrajn ġodda u eċċitanti fl-aġenda tiegħu. Sabiex jirnexxi, il-KNK għandu jestabilixxu ruħu fuq bażi soda ta' finanzi u amministrazzjoni u juża kompetenza eċċellenti ħalli jtejjeb il-valur u l-kwalità tas-servizzi tiegħu. Barra minn hekk, il-KNK jixtieq li jsir dejjem iktar involut fis-suq lokali tal-ktieb, li sfortunatament m'għandux regolatur xieraq. Il-KNK kapaċi jimla' dan il-vojt billi joffri sapport lill-pubblikaturi u lill-awturi fl-isforzi kemm kummerċjali kif ukoll letterarji tagħhom. Il-KNK jixtieq jixhed l-iżvilupp ta' suq tal-ktieb imsaħħaħ min-numru dejjem jiżdied ta' qarrejja; suq tal-ktieb li jipprovdi kundizzjonijiet ugwali għall-pubblikaturi u l-awturi u suq tal-ktieb li għandu aċċess għal pubbliku usa ta' qarrejja.

Aħna, tal-KNK, qatt m'aħna sodisfatti biżżejjed bir-riżultati tagħna, u minflok, qegħdin f'ġirja bla waqfien biex niżviluppaw xogħlna. Nixtiequ nirnexxu iżjed, iżda biex nagħmlu dan, għandna bżonn nibnu s-sisien tagħna u nkabbru l-istituzzjoni tagħna. F'dinja b' bidla mgħaġġla u b'futur kemxejn inċert, kollox jiddependi ħafna fuq l-isforzi tagħna, iżda aħna determinati sew biex naffaċċjaw dawn l-isfidi eċċitanti fis-snin li ġejjin.

# IL-FINANZI

Mal-ħatra tiegħu, il-Kunsill il-ġdid ħa ħsieb li jirriforma il-politika u l-operazzjonijiet tal-Kunsill bi priorita' fuq l-amministrazzjoni u l-aspett tal-finanzi.

## IL-FIERA NAZZJONALI TAL-KTIEB/ IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-finanzi tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb kienu amministrati mill-Malta Libraries taħt l-amministrazzjoni preċedenti u qabel il-ħatra tiegħi. Din ma kellha l-ebda qagħda ta' professjonaliżmu u xekklet l-ippjanar u l-maniġment effettiv tal-operazzjonijiet kollha tal-KNK.

Fl-interessi ta' amministrazzjoni u kontabbilità aħjar, il-kwistjoni ġiet diskussa mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u ġie deċiż li l-KNK għandu jkollu allokazzjoni finanzjarja tiegħu indikata b'mod ċar tant li tkun r-responabilità tiegħu li jamminsitraha. Dan ħalla lill-KNK biex imexxi direttament hu l-proġetti tiegħu, speċjalment l-attività ewlenija tiegħu: il-Fiera tal-Ktieb. Qabel, il-finanzi tal-Fiera tal-Ktieb kienu amministrati minn proċedura ambigwa u burokratika. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol kien jittrasferixxi s-somma allokata għall-Fiera tal-Ktieb lil Malta Libraries bħala parti mill-Fond tal-Programmi u l-Inizjattivi, u s-somma kienet amministrata b'konġunzjoni mal-KNK u s-sottokumitat maħtur minnu. Din il-proċedura tneħħiet mill-amministrazzjoni l-ġdida u bħalissa, ir-responsabbilità tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jaqa' biss taħt il-KNK. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u Malta Libraries approvaw it-talba tal-KNK biex jamministra l-finanzi tal-Fiera tal-Kttieb hu nnifsu u, wara li ntlaħqet din id-deċiżjoni, il-Malta Libraries ittrasferixxiet €39,327 lill-KNK. In-nefqa tal-Festa tal-Ktieb 2012 qabżet s-€60,000 iżda d-dejn li ħalliet il-Fiera tal-Ktieb 2012 tħallset wkoll mill-Malta Libraries.

In-nefqa mill-KNK fuq il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2013 kienet ta' €49,202.96 iżda ħalliet bilanċ pożittiv ta' €4,859 li se jintefaq fuq programmi u inizjattivi matul is-sena 2014. Il-qabża fin-nefqa ta' bejn l-2012 u l-2013 seħħet grazzi għat-tnaqqis drastiku fin-nefqa ta' kuntratti kummerċjali, prinċipalment fuq kuntratti relatati mal-bini tal-istands għall-esebituri.

L-ispiża għas-servizzi ta' kuntrattur privat li forna l-istands għall-esibizzjoni tal-Fiera tal-Ktieb 2012 tammonta għal €25,474.8. Fl-2013, filwaqt li nżamm l-istess ammont ta' servizzi u prodotti offruti matul is-sena li għaddiet, l-ispiża ġiet innegozzjata mill-ġdid b'offerta u tnaqqset għal €20261.97. Il-kumpanija Zaffarese Exhibtions & Events Ltd mexxiet il-fiera wara li rebħet is-sejħa għall-offerti fl-2009. Fis-sena 2013, saret sejħa oħra għall-offerti mill-KNK, u din id-darba l-Kunsill offra kuntratt għal sena. Zaffarese Signs & Displays Ltd u Big Exhibits ippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-offerti iżda t-tnejn li huma ġew irrifjutati wara li m'għaddewx mit-test konformi mal-amministrazzjoni. Saret sejħa oħra għall-offerti u ż-żewġ applikanti applikaw mill-ġdid bi prezzijiet imnaqqsa. Eventwalment, il-kumpanija Zaffarese Signs & Displays Ltd rebħet il-kuntratt talli pprovdiet l-aħjar għażla ekonomika.

Fl-2012, il-prezzijiet għall-istands tal-esebituri kienu dawn:

Stand A (3 metri bi 3 metri): €400
Stand B (6 metri bi 3 metri): €660
Stand Ċ (9 metri bi 3 metri): €950
Stand D (12 metri bi 3 metri): €1,250

Fl-2013, il-prezzijiet għall-istands, stabbiliti mill-KNK kienu dawn:
Stand A (3 metri bi 3 metri): €240
Stand B (6 metri bi 3 metri): €460
Stand Ċ (9 metri bi 3 metri): €700
Stand D (12 metri bi 3 metri): €910

Il-ħlas tal-istands tal-esebituri saru direttament lill-KNK. Id-dħul mill-esebituri fl-2013 jammonta għal €14,735, u jħalli nuqqas ta' € 5,526.97. Il-politika tal-KNK hija li jnaqqas l-ispejjeż mill-ispiża sħiħa tal-Fiera tal-Ktieb biex iżomm l-ispiża tal-esebituri baxxa kemm jista' jkun. Fil-Fiera tal-2013, l-esebituri tħeġġu biex jużaw l-ixkaffar tagħhom stess billi jirċievu rifużjoni; il-kuntrattur irrifonda €25 lill-Kunsill. Il-KNK jemmen li għandu jħeġġeġ inċentivi simili biex iżid il-kreattività artistika fit-tip ta' stand użata mill-esebituri u qiegħed jikkunsidra li jżid din il-rifużjoni fl-2014. Barra minn hekk, l-inċentivi l-ġodda fl-2013 kienu jinkludu: stands b'xejn għall-Għaqdiet mhux Governattivi, ġurnal letterarju għall-artisti l-ġodda u sussidju għall-Għaqda tal-Malti biex tippubblika u tniedi l-'Leħen il-Malti'. Dawn l-inċentivi se jitjiebu iżjed fl-2014.
Minħabba l-bidliet fl-amminstrazzjoni finanzjarja, u l-enerġija tal-Gvern attwali biex iżid d-drawwa tal-qari fost il-pubbliku ġenerali Malti, il-Ministeru tal-Finanzi żied l-allokazzjoni finanzjarja għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2014 għal €93,000, jiġifieri €53,000 iżjed mill-allokazzjoni preċedenti.

## IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB

Meta ġie maħtur il-Kunsill il-ġdid, ġie nnutat li l-Kont tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kien jintuża' biex jiġu mħallsa spejjeż ġenerali ta' operazzjonijiet. Din il-prattikka ġiet mwaqqfa.
L-allokazzjoni finanzjarja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2013 mill-Ministeru tal-Finanzi fil-Baġit 2013 kienet ta' €23,000 u l-allokazzjoni finanzjarja għal din l-iskema fil-Baġit 2014 hija tal-istess ammont bħas-sena li għaddiet.
Fis-sena 2013, €12,800 intużaw għall-premji filwaqt li €7,233 ntefqu għall-organizzazzjoni taċ-ċerimonja u t-trofej. Meta ntużaw it-€23,000 bi spejjeż oħra, il-bilanċ issolva mill-kont tal-ISBN.
€2,000 oħra se jintefqu fuq ix-xiri ta' kopji ta' kotba li rebħu il-premju tas-sena li għaddiet, iżda din ix-xirja se ssir mill-allokazzjoni finanzjarja tal-2014. Din ix-xirja kienet issir kull sena mill-amministrazzjoni preċedenti u se tinżamm mill-amministrazzjoni l-ġdida.

## ID-DONAZZJONI TA' KOTBA LIL MALTA LIBRARIES

Fis-sena 2013, €3,164 intefqu fuq donazzjonijiet ta' kotba għal Malta Libraries (dan ma jinkludix ix-xirja li saret bħala parti mill-iskema tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb).

## IL-KONT TAL-ISBN (TAL-ISTANDARD INTERNAZZJONALI TAN-NUMRU TAL-KTIEB)

L-amministrazzjoni l-ġdida għolliet il-prezzijet tal-IBSN bħala parti mill-miżuri biex tittaffa s-sitwazzjoni finanzjarja magħksa tiegħu. Mit-30 t'Awwissu, ISBN wieħed iqum €20, €100 għal mazz ta' 10 numri u għal mazz ta' 20, il-prezz jitnaqqas għal dak ta' €175. Kowd ta' linji (Barcode) se tinħareġ b'xejn ma' kull ISBN.
Id-dħul mill-ISBNs imorru ġo kont wieħed: HSBC 033249533003
Sa l-aħħar tas-sena 2013, il-kont tal-ISBN ammonta għal €5,788.59. Dan il-kont qiegħed jintuża għat-tiġbid ta' fondi fin-nefqa attwali u f'donazzjonijiet tal-kotba.
Id-dħul totali mill-allokazzjonijiet tal-ISBN mill-15 ta' Lulju 2013 (id-data tal-ħatra tal-Kunsill) sa Diċembru 2013 jammonta għal €2,292.
Sfortunatament, l-amministrazzjoni preċedenti ma żammet l-ebda dokumenti jew informazzjoni finanzjarja fuq il-ħruġ tal-ISBNs u għalhekk, l-amministrazzjoni attwali mhijiex f'pożizzjoni li

tannalizza l-informazzjoni finanzjarja fuq l-ISBN, għad-dokumenti li jmorru qabel il-15 ta' Lulju.

## IS-SALARJI U L-BAĠIT TAL-OPERAZZJONIJIET

Is-Salarji taċ-Ċermen Eżekuttiv u tas-Segretarju jitħallsu direttament mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Sa issa, il-Gvern ma jallokax baġit għall-operazzjonijiet tal-KNK.

## IL-KONKORS TA' KITBA - LETTERARTURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ

huwa skema ffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ, L-allokazzjoni finanzjarja għal din l-iskema fl-2013 kienet ta' €15,000. Madanakollu, fl-2013, l-Aġenzija Żgħażagħ infurmat ukoll lill-KNK li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2014 u 2015 kellha tillimita ruħha għal €7,500 kull sena. It-tnaqqis ta' 50% sar minħabba l-qtugħ fil-fondi mogħtija mill-Ministeru tal-Finanzi fil-Baġit 2014 lill-Aġenzija Żgħażagħ.

## DRITTIJIET TA' SELF PUBBLIKU

Il-KNK se jamministra l-finanzi tal-inizjattiva Drittijiet ta' Self Pubbliku li hija stmata li tiswa €14,000; Madanakollu, dan il-fond se jidħol fis-seħħ meta s-software l-ġdid li jista' jipproduċi informazzjoni statistika jiġi installat fil-libreriji pubbliċi ta' Malta. L-installazzjoni ta' dan is-software l-ġdid fil-libreriji pubbliċi tqanqal mill-Malta Libraries.

NATIONAL BOOKFEST A/C

| | | |
|---|---|---|
| INCOME | | |
| | € | € |
| Government funding | 39,327 | |
| Participants fees | 14,735 | |
| | | |
| EXPENSES | | |
| Insurances | | 500.00 |
| Advert & Promotion | | 6326.69 |
| L Journal | | 1743.39 |
| Hire of main MCC Hall | | 10207.00 |
| Stationery | | 70.00 |
| Book tokens | | 1712.33 |
| Activities | | 1832.84 |
| Hire of Stands | | 20261.97 |
| Other Expenses | | 2975.90 |
| Transport | | 90.00 |
| Water & Electricity | | 1150.00 |
| Public Address system | | 582.84 |
| Police service | | 1750.00 |
| SURPLUS INCOME OVER EXPENDITURE | | 4859.00 |
| | 54,062 | 54,062 |

# L-ISTANDARD INTERNAZZJONALI TAN-NUMRU TAL-KTIEB (L-ISBN)

Il-KNK huwa l-awtorità uffiċjali tal-iStandard Internazzjoni tan-Numri tal-Kotba f'Malta. Permezz tal-ISBNs, il-KNK jista' jibni ġabra tal-kotba kollha li ġew ippubblikati. Sfortunatament, il-Kunsill attwali sab diskrepanziji fil-ħruġ ta' ISBNs mill-Kunsill preċedenti billi bosta ISBNs li nħarġu, ma kinux irreġistrati. Barra minn hekk, qabel, l-ISBNs kienu jinħarġu bla ma jsegwu ebda sekwenza. Sergio Grech, flimkien mas-segretarju tal-Kunsill ta sehem pożittiv sabiex jiġu indirizzati dawn id-diskrepanzi. Il-Kunsill attwali qiegħed jaċċerta ruħu li l-ISBNs qegħdin jinħarġu skont l-istandards u l-obbligi internazzjonali. Bħalissa, l-ISBNs kollha qegħdin jiġu rreġistrati u kull numru jsegwi sekwenza.

Fl-Appendiċi hemm lista tal-ISBNs kollha kif inħarġu mill-Kunsill il-ġdid sa mill-15 ta' Lulju 2013.



# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-'Fiera Nazzjonali tal-Ktieb', li titella' kull sena, hija l-iktar avveniment importanti dwar il-ktieb fil-kalendarju Malti. F'dan l-avveniment, il-pubblikaturi, l-awturi, il-ħwienet tal-kotba Maltin u entitajiet oħra relatati mal-kotba b'xi mod jew ieħor, jingabru f'daqqa taħt saqaf wieħed sabiex jesibixxu l-materjal il-ġdid tagħhom. Dan l-avveniment kien ta' importanza kbira fil-bejgħ tal-kotba għal bosta snin.

Fl-isforzi tiegħu biex ibiddel id-dehra tiegħu tal-'Fiera tal-Ktieb' minn waħda purament kummerċjali għal avveniment magħruf minħabba l-kontenut edukattiv u kulturali tiegħu, il-Kunsill il-ġdid żviluppa l-'Fiera tal-Ktieb' għall-'Festival Nazzjonali tal-Ktieb', bl-inizjattivi kollha relatati magħha. Fost dawn, wieħed jista' jsib:

* ġurnal letterarju mniedi għall-promozzjoni ta' awturi ġodda. Dan ġie ppubblikat mill-Kunsill u editjat mill-awtur, rebbieħ ta' bosta premji, Immanuel Mifsud;

* serje ta' dibattiti li ġew organizzati. L-ewwel u qabel kollox kien hemm Forum akkademiku u dinamiku dwar 'l-impatt ta' kritikiżmu letterarju serju fuq il-kittieb Malti', immexxi mil-Lettur Anzjan veteran fl-Università, Charles Calleja;

* it-tfal tal-iskola ġew mistiedna biex jipparteċipaw f'bosta attivitajiet edukattivi, bħal preżentazzjoni tad-drama u qari tal-poeżiji.

* Bħala inizjattiva innovattiva, il-parteċipazzjoni internazzjonali minn ħanut tal-kotba magħruf f'Pariġi tnediet grazzi għall-Ambaxxata Franċiża f'Malta. Il-KNK għandu pjanijiet serji għall-espansjoni tal-Festival fuq livell internazzjonali 'l quddiem.

* L-Għaqdiet mhux Governattivi u organizzazzjonijiet li m'għandhomx skop ta' profitt ingħataw stand b'xejn u sussidju ingħata lil 'Leħen tal-Malti', pubblikazzjoni prestiġjuża mill-Għaqda tal-Malti, organizzazzjoni li għandha 80 sena ta' tradizzjoni letterarja warajha.

Għandna pjanijiet serji u ambizzjużi għall-'Festival Nazzjonali tal-Ktieb'. Għall-Festival li jmiss, nixtiequ naraw żieda fil-parteċipazzjoni internazzjonali, iżjed attivtajiet edukattivi u kulturali u żieda ulterjuri ta' inċentivi mogħtija lill-awturi, lill-pubblikaturi u lill-organizzazzjonijiet li m'għandhomx skop ta' profitt. L-element kummerċjali ta' dan l-avveniment se jinżamm. Madanakollu, nixtiequ li l-entitajiet kummerċjali kollha jiffukaw iżjed fuq il-kwalità tal-materjal li qegħdin ibigħu, milli fuq il-kwantità ta' kotba esebiti u mibjugħa. Il-Kunsill il-ġdid qiegħed jipprova jbiddel l-attitudnijiet u l-perċezzjonijiet tan-nies rigward dan l-avveniment. Aħna ħerqana biex ninfluwenzaw lin-nies biex iqisu dan l-avveniment annwali, mhux biss bħala post li minnu jistgħu jixtru l-kotba bi prezzijiet vantaġġjużi, iżda nixtiequ li jqisuh bħala esperjenza ta' arrikkiment kulturali u edukattiva.

Barra minn hekk, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa wieħed mis-serje ta' komponenti importanti fil-pjan tal-Gvern biex jikklassifika lil Belt Valletta bħala l-Kapitali Ewropea għall-Kultura fl-2018 u, f'dan ir-rigward, qiegħed jappoġġja bi sħiħ lill-Kunsill fl-iżvilupp u t-titjib ulterjuri ta' dan l-avveniment.

Bħala avveniment ta' skala kbira fuq livell nazzjonali, il-'Festival Nazzjonali tal-Ktieb' jista' jimexxi biss grazzi għall-għajnuna u l-pariri kontinwi minn esperti ta' setturi differenti. Bħalissa, is-sottokumitat, immexxi minn Patrick Decelis, jikkollabora bi sħiħ mal-KNK fl-għoti ta' pariri professjonali, fuq ġbir ta' rispons minn bosta nies kemm jista' jkun u f'każijiet partikulari jeżegwixxi wkoll.

Attivitajiet meta u kif tmexxew mill-KNK.

Il-Parteċipanti tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb għas-sena 2013 kienu dawn li ġejjin:




AMBAXXATA FRANĊIŻA - ĦANUT “LA BOCCHERIE” (PARIĠI)
AGIUS & AGIUS LTD
AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ – KTIEB KAFÉ
AHMADIYYA BOOK STALL
BIRDLIFE MALTA
BOOK DISTRIBUTORS (BDL) LTD
BOOKENDS
BOOKMARK
BRONK PRODUCTIONS LTD
CAK
CLIO BOOKS
DEER PUBLICATIONS
EUROPEANA
FARAXA PUBLISHING
FRANNY JO
GENERAL WORKERS’ UNION
GĦAQDA ĦBIEB TAL-ARKIVJI NAZZJONALI
GĦAQDA POETI MALTIN
GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ
HERITAGE MALTA
HORIZONS
IREAD COMPANY
ISTITUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN
KITE GROUP
MALA COMMUNITY CHEST FUDND
MALTA EVANGELICAL LIBRARY
MELI BOOKSHOP
MERLIN LIBRARY
MERLIN PUBLISHERS
MIDSEA BOOKS LTD
NATIONS FOR CHRIST
NEMO PUBLICATIONS
PUBBLIKAZZJONIJIET INDIPENDENZA – PIN
SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS)
SIERRA BOOK DISTRIBUTORS
VERO KELLY
WISE OWL PUBLICATIONS
WISE OWL PUBLICATIONS

# IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-uniku inizjattiva lokali li tagħti rikonoxximent uffiċjali lill-awturi Maltin. Il-Premju jingħata lill-aqwa u lit-tieni l-aqwa ktieb ippubblikat fil-kategorija rispettiva tiegħu u l-premju monitarju jingħata lill-awturi tal-ktieb. Kull sena, titħabbar sejħa għas-sottomissjonijiet ta' kotba lokali kollha li ġew ippubblikati matul is-sena preċedenti u dawn ikunu eleġibbli biex jikkompetu għall-Premju. Wara li s-sejħa tas-sottomissjonijiet tingħalaq, il-kotba fil-kategoriji kollha jiġu analizzati minn ġurija indipendenti skont il-kriterja uffiċjali ta' aġġidukatura mogħtija lilhom mill-KNK.

Daħlu fis-seħħ kriterji akkademiċi, letterarji u artistiċi ddefiniti. Dawn il-kriterji għandhom jiżguraw li l-kotba tal-kategoriji kollha huma ġġudikati oġġettivament skont il-mertu tagħhom, u mhux fuq xi sistema vaga t' "immarkar impressjonistiku" bbażata biss fuq l-opinjoni personali tal-ġurija… kif jidher li kienet il-prattika fil-passat.

Hawn taħt hawn lista ta' kotba ppubblikati fl-2012 li ġew ippreżentati u aċċettati għall-parteċipazzjoni fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għas-sena 2013.

### Il-Proża Letterarja ( il-finzjoni bil-Malti) – Kategorija Ewlenija

L-ewwel premju, €700; it-tieni premju, €400

Meta l-Ponsjetta Tibda Tħammar – Loreto J. Dalli

Barney l-Ispiżjar – Carmel Scicluna

Kastell għal Clara – Lina Brockdorff

Intermezzi – Lina Brockdorff

Skariġġi – Keith Azzopardi

L-Għarusa tal-Mosta –Doris Vella Camilleri

Frekwenzi Ħiemda – Tyronne Grima/Justin Schembri

Ir-Raġel ta' Waħdu – Ġorġ Peresso

Il-Ħajja Mqallba taz-Zija Rhoda –Alfred Massa

Il-Poeta – Philip M. Magri

Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi – Alex Vella Ġera

### Il-Proża Non-Letterarja u dik Non-Finzjuża – Kategorija Ewlenija

L-ewwel premju, €700; it-tieni premju, €400

The Times Picture Annual 2012- Darrin Zammit Lupi

Ilwien il-Festi Maltin – Vol.2 – Uew Borg/ Mark Micallef

L-Imħabba Taħt il-Lenti – Renald Blundell

Naħqa ta' Ħmar – Raymond Muscat

Jingle il-Kelb li Mexa Miegħi – Antoine Joseph Hili

The essential Oliver Friggieri – Charles Briffa

Joseph Vella Bondin – Drammaturgu – Charles Briffa

Ġrajjiet li Ma Ninsa Qatt – Philip Calleja

Kwadri tal-Imgħoddi – Charles Bezzina

Four Havens of Intimacy – Mark Montebello

Mill-Arkivji ta' Ħajti –Ittri li Bgħatt jew Irċevejt 1950-2008 – Lawrence Mizzi

Għad-Dell tal-Balluta – Victor V. Vella

### Kotba reliġjużi bil-Malti u lingwi oħra – Sottokategorija

L-ewwel premju, €700

Kristoterapija: Fejqan Sħiħ – Elias Vella

Omm il-Ħniena –Paul Darmanin

Il-Ġmiel tal-Fidi Tagħna Vol. 2 – Hector Scerri

Il-Lok tal-Mara fil-Pjan tas-Salvazzjoni – Mary Haber

Mixja Lejn il-Ħajja – Ġorġ Zammit

Serħan il-Moħħ u l-Qalb – Arthur Cutajar



## Kotba tat-Taħriġ – Sottokategorija

L-ewwel premju, €700

Glossarju Bilingwali ta' Termini Kummerċjali Ingliż-Malti – Godwin Ellul

Ġew l-Għasafar Jgħiduli. Ġabra ta' Titli u xi Spunti għall-Kitba fil-Livell Primarju – Terence Portelli

Ward ta' Kull Staġun: 1500 Xrara għall-Ktiba fil-Livell Sekondarju u f'dak Postsekondarju – Terence Portelli

Suċċessinu 1 – Charles Daniel Saliba

Suċċessinu 2 - Charles Daniel Saliba

Qwiel Għalina t-Tfal – Charles Daniel Saliba

Idjomi Għalina t-Tfal – Charles Daniel Saliba

Malti Aħjar bi Sforzi Żgħar – Ktieb ta' Taħriġ – Charles Daniel Saliba

All'attacco – Patrick Sammut

Glossarju Ġermaniż –Malti/Malti-Ġermaniż – Toni Aquilina, Alfred Scalpello, Ritianne Stanyer

Sit tal-Arkivji tal-Ewropa: għajnuna għall-Użu – Charles J. Farrugia

3.MT Xogħol għad-Dar – Sharon Micallef Cann

3.MT – Clare Azzopardi

Ħoloq – David Alosio

Merlin Benchmark: English – Merlin Publishers – Tim Editorjali

Merlin Benchmark: Maths – Merlin Publishers – Tim Editorjali

Merlin Benchmark: Studji Soċjali – Merlin Publishers – Tim Editorjali

Merlin Benchmark: Malti – Merlin Publishers – Tim Editorjali

### Lifestyle – Sottokategorija
L-ewwel premju, €700
Gourmet Today – 100 best recipies – Rachel Zammit Cutajar/Saviour Balzan
Kif toħloq E book bil-Malti – Norman C. Borg
My Favourites – Peter Dacoutros

### Il-Poeżija bil-Malti – Kategorija Ewlenija
L-Ewwel Premju, €700; it-tieni premju, €400
Il-Fabbrikant tal-Marjunetti: Poeżiji u Poesaġġi 2012 – Mario Azzopardi
Sekonda Qabel Tqum – Claudia Gauci
Raxx tas-Silenzju – Charles Bezzina
L-Għanja tat-Tifkira - Joe M. Attard

### Il-Poeżija b'lingwi oħra – Sottokategorija
L-ewwel premju, €700
Sponde Amanti – Mario Attard/ Patrick Sammut
Spring Rain/Winter Blues – Victor Fenech
The divide of silence – Damian Ebejer

### Drama bil-Malti – Kategorija Ewlenija
L-ewwel premju, €700; it-tieni premju, €400
Dwar Menopawsi, Minorenni u Muturi High Speed – Alfred Buttigieg
L-Għanja taċ-Ċinju u il-Ġnien ta' Esopu – Joe Friggieri
M'hemm Bżonn Siparju – kitbiet dwar it-Teatru – Mario Azzopardi editur et al

### Riċerka bijografika u storika bil-Malti u lingwi oħra – Kategorija Ewlenija
L-ewwel premju, €700; it-tieni premju, €400
De Soldanis: an Eighteenth Century Intellectual – Godwin Vella
Peasant Costumes: Insights into Rural Life and Society – Godwin Vella
Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal Tul is-Sekli – Charles J. Farrugia
L-Istorja tal-Koperattivi f'Malta – Francis Galea
The Zejtun Roman Villa Research-Conservation-Management – Ruben Abela
Victoria a Portrait of a City – Charles Cini; Duminku Mintoff u Malta fi żmienu – Josef Grech
The Emergence of a Maltese Teacher Corps: from Modest Orgins to Strength in Unity 1800 -1919 – George Cassar
Charles Clews (1919-2009) Kittieb u Attur Komiku popolari - Anne Marie Bonnici
Oh Żmien Ħelu ... – Josephine Mahoney
Mintoff – il-Bniedem u l-Istorja – Mario Cutajar
Irridu u Ma Nistax: il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo – Marcel Zammit Marmara
Duminku Mintoff Bejn Storja u Miti – Sergio Grech
Banking and Finance in the Mediterranean: a Historical Perspective – John A. Consiglio
Vassalli fil-Ħolma Maltija – Matthew Theuma

## DIN HIJA LISTA TAR-REBBIEĦA:

### Il-Proża letterarja (Novelli u stejjer qosra bil-Malti)
L-ewwel post - Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi ta' Alex Vella Gera – Pubblikatur: Merlin Publishers
It-tieni post – Ir-Raġel ta' Waħdu ta' Ġorġ Peresso – Pubblikatur: Horizons

### Non-finzjoni bil-Malti jew b'lingwa barranija
L-ewwel post – Joseph Vella Bondin – Drammaturgu ta'Charles Briffa – Pubblikatur: Klabb Kobta Maltin
It-tieni post – Ilwien il-Festi Maltin Vol.2 ta' Urew Borg u Mark Micallef – Pubblikatur: Deer Publications

### Non-finzjoni: Kotba reliġjużi bil-Malti jew b'lingwa barranija
L-ewwel post – Kristoterapija ta' Elias Vella – Pubblikatur: Reliġjon u Ħajja

## Non-finzjoni: Lifestyle

L-ewwel post – My Favourites ta' Peter Dacoutros – Pubblikatur: Midsea Books Ltd.

## Non-finzjoni: Kotba tat-Taħriġ

L-ewwel post – 3.MT ta' Clare Azzopardi – Pubblikatur: Merlin Publishers

## Poeżija bil-Malti

L-ewwel post – Il-Fabbrikant tal-Marjunetti: Poeżiji u Poesaġġi 2012' ta' Mario Azzopardi – Pubblikatur: Horizons

It-tieni post – Sekonda Qabel Tqum ta' Claudia Gauci – Pubblikatur: Edizzjoni Skarta

## Poeżija b'lingwa barranija

L-ewwel post – Spring Rain/Winter Blues' ta' Victor Fenech – Pubblikatur: Horizons

## Drama bil-Malti

L-ewwel post – L-Għanja taċ-Ċinju u l-Ġnien ta' Esopu ta' Joe Friggieri – Pubblikatur: Horizons

It-tieni post – Dwar Menopawsi, Minorenni u Muturi High Speed ta' Alfred Buttigieg – Pubblikatur: Klabb Kotba Maltin

## Riċerka bijografika u storika bil-Malti u lingwi oħra – Kategorija Ewlenija

L-ewwel post – Mintoff – il-Bniedem u l-Istorja ta' Mario Cutajar – Pubblikatur: Sensiela Kotba Soċjalisti

It-tieni post – Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal Tul is-Sekli ta' Charles J. Farrugia – Pubblikatur: Soċjetà Mużikali tal-Ġilju, Mqabba

## Ir-Riċerka ġenerali bil-Malti jew b'lingwa barranija

L-ewwel post – Speakers' Rulings in the Parliament of Malta: First Volume parts one and two: The Legislative Assembly 1921-1924 ta' Raymond Mangion – Pubblikaturi: House of Representatives Parliament of Malta u Malta University Press

It-tieni post– Aphorism: Wisdom of a Philosopher in Exile ta' Mark Montebello u Francis Galea – Pubblikatur: Sensiela Kotba Soċjalisti

## Proża għat-Tfal

L-ewwel post – Kidane ta' Clare Azzopardi – Pubblikatur: Jesuit Refugee Service

It-tieni post – Kif Jaħsibhom Mastru Gerfex ta' Carmel G. Cauchi – Pubblikatur: Merlin Publishers

## Proża għall-Adoloxxenti

L-ewwel post – Is-Sitt Aħwa' ta' John A. Bonello – Pubblikatur: Merlin Publishers

It-tieni post – Din Mhix Logħba ta' Adrian Grima – Pubblikatur: Klabb Kobta Maltin

## Traduzzjonijiet u kotba b'lingwa barranija għat-tfal u għall-adoloxxenti

L-ewwel post – Deformity ta' Simon Bartolo – Pubblikatur: Merlin Publishers

## Traduzzjoni

L-ewwel post – Il-Bibbja – Ir-Raba' Edizzjoni ta' L-Għaqda Bibblika Maltija

*Għotja mogħtija lil Merlin Publishers għall-ktieb Is-Sitt Aħwa ta'John A. Bonello bħala l-aqwa produzzjoni, stampa u pubblikazzjoni ta' ktieb bil-Malti għas-sena 2012.*

*Għotja mogħtija lil Daniel Cilia għall-aqwa produzzjoni u stampa ta' ktieb b'lingwa barranija fl-2012; miktub minn Charles Cini u ppubblikat mis-Salesjani ta' Dun Bosco: Victoria: A Portrait of a City.*

*Għotja mogħtija lil Frank Schembri bħala l-aqwa illustratur fost dawk sottomessi għall- kategorija ta' kotba għat-tfal u għall-adoloxxenti.*

*Għotja mogħtija lil Anton Cassar għal ħajja ta' ħidma ddedikata lill-kotba.*

# L-KONKORS TA' KITBA – LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ.

Il-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ imniedi fis-sena 2011 b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ bil-għan epsliċitu ta' żieda fil-letteratura Maltija disponibbli għaż-żgħażagħ ta' bejn l-età ta' 13 u 18-il sena. F'dan il-konkors, il-kittieba jissottomettu manuskritti tar-rumanzi immirati għal din l-età u mbagħad jintagħżlu massimu ta' żewġ rumanzi bħala rebbieħa u wara jiġu ppubblikati.

Il-kitba tal-letteratura immirata għaż-żgħażagħ mhija biċċa xogħol ħafifa xejn, u hija waħda mit-tipi ta' letteratura Maltija l-inqas popolari u ppubblikata. Għalhekk, din l-inizjattiva timmira li tindirizza din il-lakuna fix-xena letterarja Maltija, u se tkun qiegħda toħloq korpus ta' rumanzi ta' kwalità għaż-żagħżagħ fit-tul.

Iż-żewġ rumanzi rebbieħa tat-tielet edizzjoni (2012) tal-Konkors kienu: 'L-Ewwel Darba li Ħassejtek' ta' Charles Casha u 'Ħabib fil-Bżonn' ta' Tony C. Cutajar.



# IL-PROĠETT TAL-QARI QABEL ĦIN L-IRQAD

Nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2013, f'ċerimonja li fiha kienu preżenti l-Ministri tal-Edukazzjoni u tas-Saħħa, il-KNK għadda numru ta' basktijiet iddisinjati apposta għas-Sezzjoni tal-Parentscraft fl-Isptar Mater Dei. Dawn il-basktijiet jinkonsistu minn żewġ kotba ta' stejjer għat-trabi u manwal għall-ġenituri. Dawn il-pubblikazzjonijiet kellhom jitqassmu lill-ommijiet kollha li kienu se jwelldu jew lil dawk li kienu għadhom kif welldu. Wieħed mill-kotba huwa antoloġija ta' stejjer kompletament illustrata . Din inkitbet minn awturi differenti u ġiet editjata minn Victor Fenech filwaqt li l-ktieb l-ieħor huwa antoloġija ta' siltiet editjati mill-poeżiji ta' Dun Karm b'illustrazzjonijiet ta' Trevor Zahra. Il-manwal huwa gwida edukattiva għall-ġenituri u mfassal sabiex jgħinhom irawmu l-imħabba għall-qari u l-kotba f'uliedhom. Dan il-manwal ġie sponsorjat minn GlobalCapital Plc.

Barra minn hekk, b'konġunzjoni mas-Sezzjoni tal-Parentscraft, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qiegħed jorganizza sensiela ta' diskorsi u preżentazzjonijiet għall-qwiebel u għall-ommijiet tqal fuq l-importanza tal-qari għat-tfal imwielda u dawk li għadhom ma tweldux.

# KOOPERAZZJONI M'ENTITAJIET OĦRA



Il-KNK dejjem ifittex għall-kooperazzjoni m'entitajiet oħra sabiex iwassal l-attivitajiet tiegħu bl-aħjar mod possibbli u għall-iktar udjenza wiesgħa possibbli. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni m'entitajiet oħra tintalab għal raġunijiet loġistiċi u operattivi.

Il-Malta Libraries hija l-iżjed entità qrib għall-KNK f'termini ta' kooperazzjoni u sapport. Fil-fatt, l-uffiċini tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jinsabu fil-Librerija Ċentrali u grazzi għad-dedikazzjoni tal-Librar Nazzjonali, Oliver Mamo, il-KNK qiegħed jirċievi sapport prezzjuż għall-uffiċini mil-Librerija Ċentrali.

Entità oħra li toffri kollegament importanti mal-KNK hija ċ-Ċentru għall-Kultura u l-Arti ta' Malta (Malta Centre for Culture and the Arts [MCCA]). Fil-fatt, il-KNK ifittex regolarment il-parir loġistiku tal-espert fi ħdan din l-entità meta jiġi biex jorganizza l-avvenimenti tal-ktieb.

Iċ-Ċentru tal-Litteriżmu (fl-Università ta' Malta) jikkollabora mal-KNK fuq attivitajiet edukattivi għat-tfal.

Bla dubju, il-KNK jistenna l-appoġġ, u, fil-fatt, jirċievi l-għajnuna loġistika u operattiva mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

| No. | Title | Author | Publisher | ISBN |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Stepping into work | | | |
| | | EMD Management Limited (C 49480) operating as P5+ EMD Management Limited (C 49480) operating as P5+ | | *978-99957-0-551-0* |
| 2 | The German Memoirs of a Maltese Intellectual | | | |
| | | Giovan *Francesco Buonamico (1639-1680) Arnold Cassola ProMinent Fluid Controls Ltd.* | | *978-99957-0-552-7* |
| 3 | Vacant | | | |
| | | Anton F. Attard Anton F. Attard | | *978-99957-0-553-4* |
| 4 | Meister Eckhart - Mghallem tal-Mistici | | | |
| | | Fr. Charles Tonna op Provincja Dumnikana S. Piju V | | *978-99957-0-554-1* |
| 5 | Opri Popolari fil-Gżejjer Maltin | | | |
| | | Tony C. Cutajar | Faraxa Publishing | *978-99957-0-555-8* |
| 6 | The first National Matematerials Symposium: Abstract Book | | | |
| | | Ruben Gatt, Daphne Attard & Joseph Grima The Editors | | *978-99957-0-556-5* |
| 7 | Tħarbix | | | |
| | | Salvu Sammut | The Author | *978-99957-0-557-2* |
| 8 | Annual Report on the drug situation in Malta 2012 | | | |
| | | Carlo Olivari Demanuele National Commission on the abuse of drugs, alcohol and other dependences | | *978-99957-0-558-9* |
| 9 | Rapport Annwali fuq is-sitwazzjoni tad-droga f'Malta 2012 | | | |
| | | Carlo Olivari Demanuele National Commission on the abuse of drugs, alcohol and other dependences | | *978-99957-0-559-6* |
| 10 | The human story of God | | | |
| | | Kurja | Kurja | *978-99957-0-560-2* |
| 11 | It-teżor tal-fidi | | | |
| | | Fr Charles Fenech O.P. | Pubblikazzjonijiet Dumnikani | *978-99957-0-561-9* |
| 12 | Mewt ta' Midg_i | | | |
| | | Fr. Charles Fenech O.P. | Pubblikazzjonijiet Dumnikani | *978-99957-0-562-6* |
| 13 | Impressions | | | |
| | | E.V. Borg | The Author | *978-99957-0-563-3* |
| 14 | Russian Impressions | | | |
| | | E.V. Borg | The Author | *978-99957-0-564-0* |
| 15 | Agon | | | |
| | | Lino Bugeja | The Editor | *978-99957-0-565-7* |
| 16 | The Church of Our Lady of Victory | | | |
| | | Joe Azzopardi | Din l-Art Ħelwa | *978-99957-0-566-4* |
| 17 | Wistin ta' Ippona-il-ħajja Nisranija, iż-żwieg, il-familja u x-xbubija Nisranija | | | |
| | | Prof. Salvino Caruana OSA | Augustinian Institute | *978-99957-0-567-1* |
| 18 | Cooking My Way | | | |
| | | Tonia Grima | The Author | *978-99957-0-568-8* |
| 19 | Spring hunting and tourism on the Maltese Islands | | | |
| | | Lino C. Farrugia/Joe Perici Calascione FKNK | | *978-99957-0-569-5* |
| 20 | Il-Ħtif | | | |
| | | Ronald Camilleri | Ronald Camilleri | *978-99957-0-570-1* |
| 21 | La Promessa di Gesu' Cristo | | | |
| | | Gordon-John Manche' Nations for Christ | | *978-99957-0-571-8* |
| 22 | Il-Qawra titkellem | | | |
| | | Sylvia Smmut & Matthieu Camilleri | Rooted | *978-99957-0-572-5* |
| 23 | Id-Dinja darna- niskopru l-ambjent ġeografiku ta' madwarna | | | |
| | | Edward Gilson | Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlin Elettroniku | *978-99957-0-573-2* |
| 24 | It-Tabib Sandy: bijografija ta' Alexander Cachia Zammit (1924) | | | |
| | | Sergio Grech Kite Group | | *978-99957-0-574-9* |
| 25 | Give me wings - an anthology of lesson plans | | | |
| | | Sandro Spiteri/Fiona Falzon/Jane Farrugia Buhagiar Directorate for Quality and Standards in Education | | *978-99957-0-575-6* |
| 26 | Jien, int u l-oħrajn | | | |

| No. | Title | Author | Publisher | ISBN |
|---|---|---|---|---|
| | | Kummissjoni Katekatika Nazzjonali | Segretarjat għall-Katekażi | *978-99957-0-576-3* |
| **27** | Four Rooms | Loranne Vella | Loranne Vella | *978-99957-0-577-0* |
| **28** | L-Omm tal-Foqra | Fr Charles Fenech O.P. | Pubb.Dumnikani u Konfraternita' tar-Ru_arju Mqaddes | *978-99957-0-578-7* |
| **29** | Gozo Heritage in Stone 2 | Qala Local Council | Qala Local Council | *978-99957-0-579-4* |
| **30** | Zone Mind: a personal journey of Self-Discovery | Gordon C. Cardona | Gordon C. Cardona | *978-99957-0-580-0* |
| **31** | Maltese through English Exercises | Lorna Vassallo | Lorna Vassallo | *978-99957-0-581-7* |
| **32** | Maltese through English Key to Exercises | Lorna Vassallo | Lorna Vassallo | *978-99957-0-582-4* |
| **33** | John Henry Newman, Appostlu tal-Konvertiti | Geoffrey George Attard | Geoffrey George Attard | *978-99957-0-583-1* |
| **34** | The Great Maltese Explorer | Mark Pullicino | Mark Pullicino | *978-99957-0-584-8* |
| **35** | Biċċiet minn Ħajti | Sammy Meilaq | General Workers Union | *978-99957-0-585-5* |
| **36** | Il-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina Horation Caesar | Roger Vella | Zurrieq Local Council | *978-99957-0-586-2* |
| **37** | Turning Age into a Resource: older Volunteers in Malta | Dr Marvin Formosa | Parliamentary Secretary for Rights of Persons with Disability and Active Ageing and The Office of the Commissioner for Voluntary Organisations | *978-99957-0-587-9* |
| **38** | Colour and Form | Emmanuel Caruana | Emmanuel Caruana | *978-99957-0-588-6* |
| **39** | Mons. Dun Karm Psaila b_ala Qassis | Mons. Lawrenz Cachia | Mons. Lawrenz Cachia | *978-99957-0-589-3* |
| **40** | L-Istorja tal-Kotba Mqaddsa Maqlubin bil-Malti | Mons. Lawrenz Cachia | Mons. Lawrenz Cachia | *978-99957-0-590-9* |
| **41** | Tisjir mill-Qalb 2012 | Various Malta | Community Chest Fund | *978-99957-0-591-6* |
| **42** | Ċrieki fl-Għadira | Ġorġ Borg | Ġorġ Borg | *978-99957-0-592-3* |
| **43** | Exploring the heritage around us | George Cassar | Archaeotur Project | *978-99957-0-593-0* |
| **44** | Il-Filosofija tal-Ispiritwalita' Kożmika | Anton Sammut | Anton Sammut | *978-99957-0-594-7* |
| **45** | I love eating Healthy with Mark | Mark Morales | Mark Morales | *978-99957-0-595-4* |
| **46** | Enerscapes: Territory, Landscape and Renewable Energies | Jesmond Xuereb | Malta Intelligent Energy Management Agency | *978-99957-0-596-1* |
| **47** | Malta Watercolours | E.V. Borg | E.V. Borg | *978-99957-0-597-8* |
| **48** | Divergent Thinkers | Various | Aġenzija Żgħażagħ | *978-99957-0-598-5* |
| **49** | Documents on Għar il-Kbir, Malta - 1588-1733 | Joseph Borg | Joseph Borg | *978-99957-0-599-2* |
| **50** | Lwien il-Festi Vol.3 | Andrew Borg | Andrew Borg | *978-99957-0-600-5* |
| **51** | A Guide to Advanced Level Practical Chemistry - 3rd edition | Jean-Pierre Tabone Adami | Cogito Publishers | *978-99957-0-601-2* |
